# QORTI CIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 17 ta’ Settembru, 2018**

**Numru**

**Citazzjoni numru 808/05TA**

**Dr. Mark Chetcuti bhala mandatarju ta’ Carolanne Purslow u Paul Bonavia u b’nota tat-18 ta’ Jannar 2012, l-Avukat Dr. Johann Debono assuma l-atti bhala mandatarju specjali tal-istess**

**vs**

**Dr. Mark Busuttil u P.L. Mario Mifsud Bonnici kuraturi deputati nominati b’digriet tas-16 ta’ Settembru 2005 biex jirraprezentaw l-eredita gjacenti ta’ Victor Bonavia; Vivenne Bonavia u Lina Rossito ghall-interess li jista’ jkollhom u b’digriet tad-19 ta’ Gunju 2018 il-Qorti, fuq talba tal-partijiet ordnat il-korrezzjoni fl-isem ta’ “Vivenne Bonavia” ghal “Vivienne Bonavia” u fl-isem ta’ “Lina Rossito” ghal “Carmela sive Lina Rossitto”**

**Il-Qorti:**

Rat ic-Citazzjoni tal-Atturi prezentata fit-2 ta’ Settembru 2005 u mahlufa fl-istess data minn Dr. Mark Chetcuti bhala mandatarju tal-Atturi Carolanne Purslow u Paul Bonavia li permezz taghha ppremettew u talbu s-segwenti:-

"Peress illi Victor Bonavia miet f'Malta fil-11 ta' Ottubru 1997.

Peress illi b'testment tieghu tat-3 ta' Novembru 1992, hu halla b'legat lit-tieni mara tieghu Vivienne Bonavia, il-propjeta tal-Villa Minerva, bil-kontenut kollu taghha; l-legat ta' Lm2000 lil Lina Rossitto, u ghamel dikjarazzjoni fejn qal li z-zewg uliedu, cioe l-atturi, kienu nghataw il-legittima spettanti lilhom f'hajtu.

Peress illi din id-dikjarazzjoni ta' missier l-atturi kienet ghal kollox inkorretta u huma qatt ma nghataw xejn minn Victor Bonavia la fi propjeta u anqas fi flus.

Peress illi f'dan it-testment Victor Bonavia ma halla ebda eredi, u b'nota fil-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja), l-atturi rrinunzjaw ghal kull buon fini ghal kull dritt ta' eredita ex lege li seta' kien spettanti lilhom skond il-ligi u zammew ferm id-dritt ta' legittima spettanti lilhom skond il-ligi.

Peress illi d-dritt ta' legittima tal-atturi skond l-artikolu 616 tal-Kodici Civili gie michud lilhom peress illi ma messhom xejn mill-eredita ta' missierhom u ma nghataw xejn f'hajjet missierhom li taghmel tajjeb ghal tali legittima.

Peress illi d-disposizzjonijiet testamentarji eccedew dik il-parti li Victor Bonavia seta' jiddisponi minnu u dan a terminu tal-artikolu 647 tal-Kodici Civili.

Peress illi l-atturi jixtiequ li tigi likwidata u assenjata l-legittima spettanti lilhom mill-wirt ta' missierhom Victor Bonavia.

Peress illi ghal dan il-fini jrid jigi likwidat il-konsistenza tal-assi ereditarji kollha ta' Victor Bonavia kif jirrizulta waqt il-kawza.

Peress illi ghalhekk il-legatarji ghandhom jirritornaw jew jirrifondu jew inaqqsu mill-legat imholli lilhom biex jaghmel tajjeb ghal-legittima spettanti lill-atturi u dan a terminu tal-artikolu 648 et seq. tal-Kodici Civili.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. tordna li l-assi tal-mejjet Victor Bonavia jigi likwidat f'dak kollu li jirrizulta spettanti lilu
2. tordna li mill-assi hekk likwidati, tigi likwidata l-porzjoni spettanti lill-atturi biex jaghmel tajjeb ghal-legittima spettanti lilhom skond il-ligi prevja li tiddikjara li d-dritt ta' legittima spettanti lill-atturi gie michud lilhom peress illi d-disposizzjonijiet testamentarji ta' Victor Bonavia eccedew dik il-parti li seta' jiddisponi minnha u kwindi tordna li l-legati mhollija jigu mnaqqsa jew dikjarati ineffikaci u jsiru l-kostazzjonijiet u imputazzjonijiet li jkunu eventwalment necessarji u dan permezz ta' periti nominati mill-Qorti;
3. tordna li l-konvenuti jew min minnhom jigu kundannati minn din il-Qorti jassenjaw lill-atturi l-istess legittima n-natura hekk likwidata bil-frott skond il-ligi a saldu tad-drittijiet taghhom tal-assi ta' Victor Bonavia;
4. jigi nominat Nutar minn din il-Qorti biex jircevi l-att opportun u kuraturi biex jirraprezentaw il-konvenuti.

> Bl-ispejjez inkuzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Frar 2005 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni."

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-Konvenuta Vivienne Bonavia prezentata fit-23 ta' Settembru 2005 u mahlufa minnha fl-istess data li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

> "1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija nulla u bla effett fil-ligi in kwantu l-eredita` ta' Victor Bonavia, kuntrarjament ghal dak allegat mhijiex gjacenti izda ddevolviet a favur l-istess atturi. Jigi rilevat li l-istess atturi ma seghtux jirrinunzjaw ghad-dritt ta' eredita` spettanti lilhom, in kwantu kienu ddekadew mill-jedd tar-rinunzja, galadarba kellhom fil-pussss taghhom hwejjeg tal-wirt u tali att ta' rinuzja ma sarx entro t-terminu ta' tlett xhur stabbilit mill-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> 2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante d-dikjarazzjoni maghmula mid-decuius, Victor Bonavia, fit-testment tieghu tat-tlieta (3) ta' Novembru elf disgha mija tnejn u disghin (1992), fl-atti tan-Nutar Alexander Joseph Sceberras Trigona, li z-zewg uliedu, l-atturi, kienu nghataw il-legittima spettanti lilhom f'hajtu, kienet wahda korretta kif ser jigi pruvat ahjar fil-mori tal-kawza;
>
> 3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li kuntrarjament ghal dak allegat fic-citazzjoni attrici, id-disposizzjonijiet testamentarji ma eccedewx dik il-parti li d-decuius seta' jiddisponi minnha;
>
> 4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-atturi, Carolanne Purslow u Paul Bonavia, huma persuni mhux denji li jirtu ai termini ta' l-artikolu 605 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif sejjer jigi ppruvat fil-mori tal-kawza u ghalhekk l-azzjoni attrici qatt ma setghet tigi prospettata mill-istess atturi u hija nieqsa mill-utilita` guridika rikjesta mil-ligi;
>
> Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat illi l-Konvenuta Carmela sive Lina Rossitto ghalkemm debitament notifikata skont il-ligi baqghet kontumaci;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati tal-21 ta' Ottubru 2005 mahlufa mill-Avukat Mark M. Buttigieg li permezz taghha eccipew li huma

mhux edotti mill-fatti fil-waqt li irriservaw id-dritt li jippresentaw l-eccezzjonijiet taghhom motivati fi stadju ulterjuri;

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` mhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawza;

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Gunju, 2018 fejn il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

**1.** L-Atturi huma zewgt ahwa, l-unici ulied ta' Joyce Doreen u d-defunt Victor konjugi Bonavia. Il-ġenituri tal-atturi kienu ddivorzjaw permezz ta' digriet moghti fil-*High Court of Justice* fid-19 ta' Dicembru 1986 (a' fol 188) u sussegwentement id-defunt Victor Bonavia kien izzewweg lill-Konvenuta Vivienne Bonavia neè Aquilina fil-15 ta' April 1992 l-Ingilterra (ara certifikat a' fol 187). Ma huwiex maghruf jekk id-divorzju giex registrat Malta ai termini tal-artikolu 33 tal-Att dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255). Lanqas ma huwa maghruf jekk iz-zwieg tad-defunt imsemmi mal-Konvenuta Vivienne Bonavia neè

Aquilina giex registrat skont l-artikolu 244 tal-Kodici Civili. Madanakollu, din il-Qorti sejra tirrikonoxxi dan iz-zwieg ladarba ma tqajmet l-ebda kontestazzjoni dwar dan.

**2.** Victor Bonavia gie nieqes fil-11 ta' Ottubru 1997 (ara certifikat tal-mewt a' fol 6). Permezz tat-testment tieghu datat 3 ta' Novembru 1999 fl-atti tan-nutar Alexander Joseph Sceberras Trigona (a' fol 11 u 155), Victor Bonavia halla b'titolu ta' legat favur il-mara tieghu Vivienne Bonava l-Villa bl-isem "Villa Minerva" mibnija fuq plot number one, Juno Heights, Marsaxlokk in piena proprjetá. Victor Bonavia halla wkoll b'titolu ta' legat favur il-Konvenuta l-ohra Carmela sive Lina Rossitto, li hija l-kugina paterna tal-atturi, s-somma ta' elfejn Lira Maltin.

**3.** Il-Villa Minerva mhollija bhala legat favur il-Konvenuta Vivienne Bonavia kienet id-dar matrimonjali tal-istess Konvenuta u d-defunt Konjugi Bonavia. Wara l-mewt ta' Victor Bonavia, il-Konvenuta Vivienne Bonavia baqghet u ghadha toqoghod f'din il-Villa (ara affidavit tal-Konvenuta Vivienne Bonavia a' fol 149).

**4.** Thalla ukoll legat lill-Konvenuta l-ohra Carmela sive Lina Rossitto tas-somma ta' LM2,000, li mill-atti tal-kawza ma jirrisultax jekk dawn l-ammonti gewx percepiti mill-imsemmija Carmela sive Lina Rossitto.

**5.** Fit-testment imsemmi, id-defunt Victor Bonavia ma nnomina lil hadd bhala eredi universali tieghu. Dan ifisser li skond artikolu 788 tal-Kodici Civili,

japplikaw b'operazzjoni tal-ligi r-regoli tas-successjoni *ab intestato* ghall-wirt tat-testatur. Ghalhekk l-Atturi bhala ulied legittimi u naturali tieghu jitqiesu li huma l-werrieta ta' missierhom skont kif jiddisponi l-artikolu 808 tal-Kodici Civili.

**6.** Permezz ta' dawn il-proceduri, l-Atturi qed jikkontestaw ir-Raba' Artikolu tat-testment u cioe' id-dikjarazzjoni maghmula minn missierhom it-testatur billi iddispona is-segwenti:

> "The testator declares that he has already given in settlement of their right of legitim under Maltese law unto his daughter and son, one half each of the business concern "Chapman's London Garage Limited" Codrington Mews, London West 11, valued at Sterling Five Hundred Thousand Pounds, together with a minimum unto each of Sterling Three thousand Pounds to enable them to buy their respective houses in the United Kingdom."

**7.** L-Atturi minn naha taghhom isostnu li ma huwiex minnu li n-negozju ghadda ghandhom b'donazzjoni u jew ircevew l-ammonti ta' flus imsemmija fid-disposizzjoni testamentarja imsemmja. Ghalhekk l-Atturi jargumentaw li dak in-negozju u l-flus msemmija ma ghandhomx jintlaqtu mill-kollazzjoni ai termini tal-artikolu 620(4) tal-Kodici Civili. Fi ftit kliem, qeghdin jinsistu li ma rcevew ebda gid kollazzjonabbli. Dan ifisser li ghandhom id-dritt li jippercepixxu l-legittima skont il-ligi mill-patrimonju ereditarju tal-mejjet Victor Bonavia.

**8.** Fit-2 ta' Settembru 2005, jigifieri fl-istess data li gew intavolati dawn il-proceduri, l-Atturi pprezentaw nota fil-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja permezz ta' liema rrinunzjaw ghall-eredita' ta' Victor Bonavia li miet fil-11 ta' Ottubru 1997 "filwaqt li jzommu ferm id-drittijiet taghhom tal-legittima" (ara nota a' fol 101).

**9.** Dan ifisser li l-wirt tad-defunt Victor Bonavia, sakemm ma jkunx gie hekk accettat minn ohrajn skont il-ligi, jitqies battal ai termini tal-artikolu 903 tal-Kodici Civili. Di fatti l-mandatarju tal-Atturi Dr. Mark Chetcuti, talab ghall-hatra ta' kuraturi deputati "sabiex jirraprezentaw l-eredita gjacenti ta' Victor Bonavia fl-Atti ta' din il-kawza u kull att ancillari sussegwenti ghall-istess kawza" (ara rikors a' fol 24), li giet milqugha permezz ta' digriet datat 16 ta' Settembru 2005 (a' fol 48) fejn din il-Qorti, diversament presjeduta, innominat lill-Avukat Mark Busuttil u lill-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi "ghall finijiet kollha tal-ligi."

**Punti ta' Ligi**

**10.** Din l-azzjoni odjerna tirrigwarda l-Istitut tal-Legittima (illum sehem rizervat) kif regolat bl-artikoli 615 et seq tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**11.** Peress li Victor Bonavia gie nieqes fil-11 ta' Ottubru 1997, ghalhekk huwa car li ghandhom japplikaw l-artikoli msemmija kif kienu vigenti qabel ma

dawn gew fis-sehh l-emendi bl-Att XVIII ta' l-2004, hekk kif inhu espressament dikjarat fid-disposizzjoni transitorja, jigifieri l-artikolu 116(2) tal-Att imsemmi.

**12.** Dan l-artikolu jaghmilha cara, li l-emendi fl-artikoli tal-Kodici Civili ghandhom japplikaw "dwar successjonijiet li jsehhu wara li l-istess artikoli jingiebu fis-sehh" u ghalhekk ma jaffettwawx wirt li nfetah qabel dik id-data. Per konsegwenza, dak li ghandha quddiemha l-Qorti llum huwa wirt ta' din ix-xorta u cioe', wirt li jirrisali ghal qabel meta dawn l-emendi gew fis-sehh. Ghalhekk il-vertenza mertu ta' din il-Kawza ghandha titqies fl-isfond tad-dispozizzjonijiet kif artikolati qabel l-emendi introdotti bl-Att imsemmi.

**13.** Il-Konvenuta Vivienne Bonavia qeghdha ukoll bl-ewwel eccezzjoni taghha, tilqa' ghat-talbiet attrici fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artiklu 869 tal-Kodici Civili, fis-sens li r-rinunzja ghall-eredita' fuq imsemmija ma ghandha ebda siwi peress li ma saritx fiz-zmien li titlob il-ligi stante li kienu fil-pussess ta' hwejjeg tal-wirt. Dan ifisser li ma jistghux jitolbu l-legittima spettanti lilhom skont il-ligi peress li kienu akkwistaw il-kwalita' ta' eredi ope legis.

**14.** Il-Konvenuta qeghdha ukoll tilqa' ghat-talbiet Attrici li fit-termini ta' dak li jiddisponi l-artikolu 605 tal-Kodici Civili ma humiex denji li jirtu. Hawn trid tinzamm distinzjoni netta bejn il-principju ta' deseredazzjoni u meta persuna li ma tkunx denja li tiret taht kwalunkwe forma. Hafna drabi jigri li r-ragunijiet ta' wahda jigu konfuzi mal-ohra meta dawn huma zewg Istituzzjonijiet tal-ligi li ghandhom kriterji guridici distinti ghall-ahhar.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

*<u>Rinunzja skond l-artiklu 869 tal-Kodici Civili</u>*

**15.** Il-Konvenuta Vivienne Bonavia bl-ewwel eccezzjoni taghha eccepiet li "*l-atturi ma setghux jirrinunzjaw ghad-dritt ta' ereditá spettanti lilhom, in kwantu kienu ddekadew mill-jedd tar-rinunzja, galadarba kellhom fil-pussess taghhom hwejjeg tal-wirt u tali att ta' rinunzja ma sarx entro t-terminu ta' tlett xhur*" skont kif stabbilit bl-artikolu 869 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta (ara nota ta' osservazzjonijiet tal-Konvenuta a' fol 675 ).

**16.** In sostenn ta' din l-eccezzjoni fil-paragrafu enumerat 6 tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha (a' fol 676), Vivienne Bonavia tissottometti, li l-prova li l-Atturi kienu fil-pussess ta' hwejjeg tal-wirt tirrizulta minn Dok VB7 u VB8 (a' fol 182 u 184). Dok VB7 jikkonsisti f'envelope b'kitba u firma tad-defunt Victor Bonavia li tghid: "*Unpaid Cheque 22-3-90 Carol Smith (My Daughter) and Paul Bonavia (My Son) Have Cheated Me Of The Sum of £11,750 (Sterling) due to me as my personal money from the company (Chapmans (L) Gar by paying me out with a cheque dated 21-March 1990 and then stopped it after I presented to the bank ---So: They still owe me this amount for ever. This should be deducted from any attempt to extract any money or share in My Will after my death.*" Dok VB8 huwa c-cheque innifsu li ghamel referenza ghalih id-defunt Victor Bonavia.

**17.** Jibda biex jinghad li huwa minnu li l-Atturi tassew irrinunzjaw ghall-wirt ta' missierhom ferm aktar minn tlett xhur wara mewtu. Fuq dan l-artikolu din il-Qorti diversament presjeduta fis-**Sentenza Joseph Gauci et vs Jane Galea et tat-3 ta' April 2003** insenjat dan li gej:

"*L-artikolu 869 tal-Kodici Civili, però, jghid li r-rinunzja ghall-wirt ma tistax issir aktar minn tlett xhur wara l-ftuh tas-successjoni, f'kaz biss li dawk il-werrieta "jkollhom fil-fatt il-pussess tal-hwejjeg tal-wirt", u allura jekk il-werrieta ma jkollhomx pussess tal-hwejjeg tal-wirt u ma jaghmlux atto di eredita', huma jistghu, f'kull zmien jirrinunzjaw ghall-wirt. Fil-fatt, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-kawza, "Borg noe - vs - Camilleri et", deciza fit-2 ta' Novembru, 1995, qalet illi sakemm werriet ma jaghmel ebda atto di eredita', jista' jirrinunzja, u jitqies bhal li kieku qatt ma kien werriet.*

*… …*

*Kif inhu risaput, l-accettazzjoni tal-wirt tista' tkun espresso jew tacita. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Camilleri vs Aquilina et", deciza fit-13 ta' Ottubru, 1983, l-accettazzjoni tkun espressa meta l-wirt ikun accettat f'kuntratt pubbliku jew skrittura privata, u tkun tacita meta l-eredi jaghmel att li necessarjament timplika r-rieda tieghu li jaccetta l-wirt, u li ma jkunx intitolat li jaghmel hlief fil-kapacita' tieghu ta' eredi. Il-gurisprudenza hi fis-sens li l-att irid ikun tali li certament, necessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista' tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamlu ried jaccetta l-eredita' (ara Vol. XLVI.1.214).*

*… …*

*Kif jghid il-Baudry – Lacantinerie ("Trattato Teorico Pratico di Diritto Civili", "Delle Succesioni", Vol III para. 1114), "per sapere se un atto implichi immistione, cioe', accettazione tacita, si deve considerare di preferenza la veste in cui il successibile credette di compierlo, anziche' quella con cui egli in realta' lo ha compuito."*

**18.** Maghdud ma dak appena ritenut, din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal dak citat mill-**Qorti Civili Prim' Awla Pauline sive Polly Fenech vs Tereza Schembri moghtija fil-31 ta' Ottubru 2013**: "*Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta` April 1962 fil-kawza `Farrugia vs Farrugia et`, inghad illi biex tirrikorri l-accettazzjoni tacita ta' eredita' jehtieg li jkun hemm successibbli, li dan is-successibbli jkollu l-intenzjoni li jaccetta l-eredita', li jaghmel xi att li jista' jaghmlu biss bhala eredi, u li minn dan l-att tkun tidher necessarjament il-volonta' tieghu li jaccetta l-eredita'. L-att irid ikun tali li certament, necessarjament u univokament (enfasi tal-Qorti) minnu ma tkunx tista' tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamel dak l-att ikun accetta l-eredita'. Il-prova li l-att ikun ghandu dawn il-karatteristici tinkombi lil min jallega li dak l-att ghandu dawk il-karatteristici.*"

**19.** Fid-dawl ta' dan it-taghlim, jekk l-Atturi naqsu milli jghaddu l-flus imsemmija lil missierhom (fatt li gie negat mill-atturi fl-affidavit u x-xhieda taghhom a' fol 109, 113, 513 u 640), fid-dawl tac-cirkostanzi erratici u ambivalenti li sehhew bejn il-partijiet fil-kuntest tar-relazzjonijiet mimlija imrar, oltre' dak li ser jinghad aktar 'l isfel, anke li kieku l-Konvenuti tassew zammew

dawn il-flejjes ma jistax jinghad dak li qed tghid il-Konvenuta. Dan l-agir ma jissarrafx f'att li certament, necessarjament u univokament ghandu jigi interpretat bhala 'atto di erede'. Ghalhekk ma jistax jinghad li accettaw tacitament il-wirt ta' Victor Bonavia fis-sens kif spjegat fl-ermenawtika gurisprudenzjali tal-Qrati Maltin. Haga l-accettazzjoni espressa u univoka u haga ohra d-deduzzjoni tal-accettazzjoni abbazi tal-implicita'. Tal-ahhar tinnecessita' ezami rigoruz b'mod li kull dubbju ghandu jmur favur min wettaq l-att.

**20.** Apparti l-argumenti surreferiti, jirrisulta car, li dawn il-flus kienu dovuti mhux mill-Atturi personalment izda kif it-testatur jiddikjara fin-nota minnu maghmula : "... *Have Cheated Me Of The Sum of £11,750 (Sterling) due to me as my personal money* ***from the company (Chapmans (L) Gar*** *by paying me out with a cheque datd 21-March 1990 and then stopped it after I presented to the bank.."* ( emfazi tal-Qorti ). Dan ifisser, li l-ammont li jirreferi ghalih kien dovut mill-Kumpanija Chapmans (London) Limited u mhux mill-Konvenuti personalment. Di fatti c-cheque in kwistjoni inhareg minn kont ta' din il-Kumpanija (a' fol 185). Ma ingabet ebda prova li din il-Kumpanija hallset lill-Atturi personalment biex da parti taghhom jghaddu l-istess flus lil missierhom. Dan ifisser, li l-flus in kwistjoni baqghu, jekk qatt, fil-pussess tal-Kumpanija u mhux tal-Atturi personalment.

**21.** Ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tikkonsidra li r-rinunzja tal-Atturi hija wahda tajba u konsegwentement, din il-Qorti ser tkun qed tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Konvenuta Vivienne Bonavia.

*L-applikazzjoni tal-artikolu 605(1)(b) tal-Kodici Civili u cioe li l-Konvenuti huma indenji li jirtu.*

**22.** Il-Konvenuta Vivienne Bonavia eccepiet ulterjorment, li l-Atturi huma persuni mhux denji li jirtu ai termini ta' l-artikolu 605(1)(b) tal-Kodici Civili (ara raba' eccezzjoni a' fol 50). Dan is-subinciz jiddisponi hekk:

> *"(1) Kull min ..........(b) ikun akkuża lit-testatur, jew lill-mara jew lir-raġel tat-testatur, quddiem awtorità kompetenti b'delitt li jġib il-piena tal-priġunerija, u li hu kien jaf li t-testatur, jew il-mara jew raġel tat-testatur, ma kenux ħatjin tiegħu."*

**23.** Ghalkemm, fis-sekwenza tal-eccezzjonijiet kif moghtija mill-Konvenuta, din hija it-tielet (3) eccezzjoni (ara fol 50), ai fini ta' logika u konsiderazzjonijiet guridici ulterjuri u fid-dawl li ser tkun michuda l-ewwel eccezzjoni, din il-Qorti hasset, li ghandha qabel xejn titratta din l-eccezzjoni f'dan l-istadju tas-Sentenza. Ghalhekk ser tghaddi biex taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

**24.** Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, il-Konvenuta Vivienne Bonavia targumenta li r-raguni bazi ghar-raba' eccezzjoni taghha tikkonsisti fil-fatt li "l-atturi kienu ressqu akkuzi ta' natura penali fil-konfront ta' missierhom li wara rrizulta li ma kienx minnu tant li l-Pulizija Ingliza ma pprocedietx b'akkuzi

formali kontra l-istess Victor Bonavia” (a’ fol 680). Dawn l-akkuzi jirreferu ghal allegazzjoni ta’ falsifikazzjoni tal-firem ta’ omm l-Atturi fil-proceduri ta’ divorzju u t-theddid ta’ molestja fil-konfront ta’ l-Attrici u uliedha.

**25.** Il-Konvenuta Vivienne Bonavia taghmel referenza ghal Dok VB19 (a` fol 260-271) prezentati minnha li, fi kliemha, “juri bic-car li kienu l-pulizija li ddecidew li ma jipprocedux oltre fuq l-allegazzjonijiet migjuba mill-Atturi fil-konfront ta’ missierhom.” (a’ fol 260-271 ). Il-Konvenuta qalet hekk, fid-dawl ta’ dak li jistipula l-artikolu 605(1)(b) tal-Kodici Civili li fuqu sejset it-tielet eccezzjoni taghha. Ma kienetx haga facli ghal din il-Qorti li ssib xi xorta ta’ ermenewtika lokali biex tigwidha fit-tifsira guridika ta’ dan, hlief ghal Sentenza wahda tal-**Prim Awla Qorti Civili fl-ismijiet John Agius -vs-Carmelo Agius per Imhallef Joseph R. Micallef tat-8 ta’ Lulju 2004** u li ma titfa’ ebda dawl fuq il-punt li ghandha qudddiemha din il-Qorti. Ghalhek din il-Qorti kellha tirrikorri ghal zewg sorsi: l-artiklu 101 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta u artiklu 463(3) Kodici Civili Taljan, li ghalkemm mhux preciz ghal dak li insibu fil-Kodici Civili taghna jista’ jitfa’ dawl dwar l-interpretazzjoni.

**26.** Differentement mill-kaz tad-diseredazzjoni taht artikoli 622 u 623 tal-Kodici Civili Malti, fil-kaz ta’ persuna li ma tkunx denja li tircievi b’testment taht artikolu 605 tal-Kodici Civili, dik il-persuna tigi **eskluza** milli tkun beneficcjarja taht testment ghal xi raguni li ssemmi l-ligi. L-indenjita’ li dak li jkun jircievi b’testment titnissel minn sanzjoni tal-ligi filwaqt li dik tad-deseredazzjoni titnissel mir-rieda tat-testatur (Ara “**Codici Civile Annotato Pescatore e**

**Ruperto; para 463 pg 274; Ed Giuffre' 1978**"). Aktar minn hekk, l-indinjita' twassal biex teskludi lil dak li jkun milli jircievi kwalunkwe xorta ta' beneficcju taht tesment, inkluz legat, mentri id-deseredazzjoni hija limitata ghall-porzjoni riservata gja' leggitima.

**27.** Artiklu 463 (3) tal-Kodici Taljan huwa simili ghal dak Malti u jistabilixxi li " chi ha denunziato una di tali persone per reato punibile con l'ergastolo o con la reclusione per un tempo non inferiore nel minimo a tre anni, se la denunzia è stata dichiarata calunniosa in giudizio penale (Cod. Pen. 368); ovvero ha testimoniato contro le persone medesime imputate dei predetti reati, se la testimonianza è stata dichiarata, nei confronti di lui, falsa in giudizio penale (Cod. Pen. 372)". Irid jinghad ukoll li t-test Malti tal-artiklu 605 tal-Kodici Civili huwa kwazi repetizzjoni verbatim tal-artiklu 101 tal-Kodici Kriminali li jipprospetta r-reat tal-kalunnja.

**28.** Tesisti biss differenza wahda bejn dawn iz-zewg artikoli. Fil-waqt li l-artikolu 101 tal-Kodici Kriminali japplika ghal kull min jakkuza "lil xi persuna" l-artikolu 605(1)(b), dak tal-Kodici Civili japplika ghal kull minn ikun akkuza "lit-testatur". Ghalhekk, biex il-Qorti setghet tifhem ahjar l-import u definizzjoni legali tal-artikolu 605(1)(b) tal-Kodici Civili, kellha ta' bil-fors tirreferi ghal xi Sentenzi li inghataw fil-kamp kriminali. L-artikolu penali imsemmi jistipula li "Kull min bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, jakkuza lil dik il-persuna quddiem awtorità kompetenti b'reat, filwaqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innocenti, ghall-fatt biss li jkun akkuzaha, jehel…"

**29.** Jidher li dawn z-zewg artikoli huma minsuga fuq l-istess principji legali, b'dan illi l-insenjament moghti mill-Qrati Kriminali rigwardanti l-artikolu 101 tal-Kodici Kriminali jitfghu dawl fuq ix-xorta ta' interpretazzjoni u applikazzjoni tal-artikolu 605(1)(b) tal-Kodici Civili.

**30.** Minn hawn titnissel id-definizzjoni ta' l-artikolu 605(1)(b) tal-Kap. 16 u cioe` li sabiex dan jikkonfigura jridu jesistu tlett elementi sabiex persuna titqies mhux denja li tiret taht u cioe`:-

1. It-testatur irid ikun akkuzat quddiem awtoritá kompetenti u
2. Ta' delitt li jgib il-piena ta' prigunerija,
3. Min akkuzah jaf bl-innocenza tat-testatur

**31.** Rigward l-ewwel element, gie ritenut hekk mill-Qorti tal-Magistrati (Gudikatura Kriminali) fis-sentenza **il-Pulizija vs Josianne Giusti**:

"*Ir-reat tal-kalunja kif previst fl-artikolu 101 tal-Kodici Kriminali titratta dwar informazzjoni, rapport jew kwerela kemm jekk maghmula verbalment jew bil-miktub, liema kalunja hija imsejjha bhala verbali u diretta. ... Il-Professur Mamo ighid:* ***"such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority."***

*Ghandu jinghad illi mid-dicitura ta' l-artikolu 101, huwa car li l-unika intenzjoni tal-persuna li hija akkuzata b'dana ir-reat hija illi taghmel hsara lil persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament, kif ukoll illi r-rapport falz jew id-denunja*

*falza trid tkun tali illi abbazi ta'l-istess azzjoni kriminali setghet tittiehed jew ittiehdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkuzati. F'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fis-7 ta' Novembru 1949 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincenzo Attard gie deciz:*

***"Biex ikun hemm ir-reat ta' falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali persegwibbli quddiem il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali."***

*Ukoll f'sentenza ohra fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Seychell (17/10/1997 Appelli Kriminali) inghad:* ***"L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha is-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat."***

*Fl-ahharnett f'sentenza ohra tal-Qorti ta' l-Appelli Kriminali gie deciz:* ***"Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kenitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut, wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament***

***jaghmel." (Il-Pulizija vs Doreen Zammit – 15/06/2001)***". (sottolinear ta' din il-Qorti)

**32.** Mhux l-istess jinghad ghat-theddid ta' molestja billi kif johorg mill-kontro-ezami ta' l-Attrici Carolanne Purslow (a' fol 21) tali akkuza giet mressqa minnha quddiem l-Awtorita kompetenti kif imfissra fil-paragrafu appena citat li f'dan il-kaz kienet il-Metropolitan Police (ara dokumenti markati Dok VB19 su riferiti). Lanqas ma hu kontestat li tali akkuza timporta piena ta' prigunerija u ghaldaqstant anke t-tieni element jitqies li huwa sodisfatt. Izda minn naha l-ohra m'hemm xejn f'Dok VB, li l-Attrici kienet taf bl-innocenza tieghu fil-mument li hi ssottomettiet ir-rapport taghha mal-Pulizija. Difatti kull ma hemm huwa dokument mahrug minn Essex Police li permezz tieghu nfurmaw lit-testatur li ma hux se tittiehed ebda azzjoni ulterjuri kontra tieghu (a' fol 266 ).

**33.** Irid jinghad ukoll li l-Attur Paul Bonavia kien estraneju ghar-rapport li sar lill-Pulizija Ingliza mill-Attrici Carolanne Purslow. Dan il-fatt jemergi car mhux biss mid-dokumenti esebiti in konnessjoni ma' dan ir-rapport partikulari izda huwa jichad kategorikament li qatt kellu x'jaqsam ma' dan ir-rapport (ara a' fol 644). Din il-versjoni hija ukoll konfortata minn dokument ta' Fishers Jones, ditta ta' avukati ingliza, datat 3 ta' Mejju 1990 li tghid "The allegations were from Mrs. Bonavia's daughter Mrs. Smith" (a' fol 270 ).

**34.** Kif gie ukoll ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Rex vs Katerina Debono** moghtija fis-7 ta' Novembru 1949 (Vol.XXIV PIV, pg 886), "*perche si verifichi la calumnia diretta occorre oltre alla falsa denunzia fatta*

*con animo di nuocere il denunziato, la cognizione del denunziante contemporanea alla denunzia, dell'innocenza del denunziato*".

**35.** Kieku ghall-grazzja tal-argument, missier l-Atturi xorta tressaq il-Qorti abbazi tar-rapport li sar kontrih u gie illiberat, anke dan ma kienx ikun bizzejjed ai fini tal-artiklu in kwistjoni. Il-prova li trid issir, mhux l-innocenza ta' min jkun akkuzat, izda x-xjenza propja ta' min ghamel ir-rapport li fil-mument li ghamlu, kien jaf li r-rejat ma sehhx jew kellu kull prova li tindika li l-persuna rapportata hija innocenti jew u qatt ma setghet tinsab hatja. Ghaldaqstant, id-denunzja mill-Attrici tat-testatur tfalli mit-tielet element rikjest fl-artikolu 605(1)(b) tal-Kodici Civili sabiex tista titqies mhux denja li tiret u konsegwentement tigi applikata kontra taghha l-komminazzjoni f'dan l-artiklu.

**36.** Inkwantu jirrigwarda l-allegazzjoni dwar li l-Atturi akkuzaw lil Paul Bonavia b'falsikifazzjoni tal-firma t'ommhom fi proceduri ta' separazzjoni ftit li xejn hemm xi tghid. Apparti li ma gewx presentati l-atti formali ta' din il-kawza, il-provi f'dan ir-rigward huma skarsi hafna. Tant huma skarsi li l-Konvenuta ma taghmel ebda accenn ghaliha (ara affidavit a' fol 149 u kontro-ezami a' fol 404). L-istess Konvenuta l-anqas hasset li ghandha tittrattaha fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha kif fil-fatt ghamlet fil-kaz tal-allegazzjoni ta' rikatt (ara a' fol 680). Ghalhekk anke fir-rigward ta' din l-allegazzjoni, il-komminazzjoni fl-artikolu 605 (1)(b) tal-Kodici Civili mhux applikabbli.

**37.** Fl-ahhar nett jiswa dak li jghallem Francesco Ricci dwar dak li ghid l-artiklu tal-Kodici Taljan fuq imsemmi inkwantu jirrigwarda l-kalunnja:

*"L'esistenza della calunnia, dice l-articoli in esame, deve essere dikjarata in gudizzio? In quella penale o' in quello civile? Riteniamo che debba essere dichiarata nel primo per queste due ragioni; l'una, che ove il legislatore avesse inteso che la calunnia si dovesse accertare in gudizio civile, sarebbe stata oziosa questa sua disposizione, perche' e' principio che si fa proporre un gudizio civile deve dimostrare il fondamento della sua azione, sul quale e' necessario che promunci il magistrato adito. L'altra consiste nel fatto , che a costituire il reato di calunnia deve concorrere un elemento interior e subiettivo consistente nella con convinzione che il caluniatore aveva dell'innocenza della persona da lui callunniata. Or ache questo element interno non puo' essere competentemente apprezzato che dal guidice penale, innanzi al quale si e' svolto il procedimento, cui l'accusa calunniosa ha dato luogo; e che solo conosce tutte le circostanze del fatto, da cui desumere se l'accusatore era oppur no , convinto dell'innocenza di colui che esso accusava."* (**Francesco Ricci; Corso-Teoretico Pratico di Diritto Civile; Vol III pg. 24; 1886 Ed.**)

**38.** Igifieri dan l-awtur jikkontendi illi sabiex tirrafigura l-kalunnja ai fini civili fir-rigward tal-indinijita' taht l-artiklu taljan simili ghal dak Malti, huwa l-Magistrat f'sede penali li l-aktar ipposizzjonat tajjeb biex jiddeciedi jekk din sehhitx jew le. Dan ifisser, li hija l-produzzjoni ta' Sentenza dwar kalunnja mill-Qorti penali li twassal ghall-komminazzjoni li jrid l-artiklu Civili inkwistjoni.

**39.** Isegwi ghalhekk, li thares kif thares lejn din l-eccezzjoni, kemm jekk ir-ricerka dwar il-kalunnja ghandhiex tkun maghmula minn din il-Qorti u kemm le,

konkluzjoni wahda hemm: dik li l-Konvenuta Vivienne Bonavia ma irnexxilhiex tipprova l-eccezzjoni taghha f'dan ir-rigward.

*Kollazzjoni Trasferiment tal-valuri tal-attivita' kummercjali bl-isem ta' Chapmans Garage u donazzjoni ta' tlett elef sterlina ( Stg 3000 ) lill-Atturi individwalment.*

**40.** Qabel ma' din il-Qorti tipprocedi dwar kif ghandha tkun kalkolata il-legittima u dwar il-hlas tal-istess imiss li jkun ikkunsidrat jekk tassew jirrizultax dak li qed jippretendu l-Atturi rigward id-dikjarazzjoni tat-testatur missierhom fir-raba' artikolu tat-testment tieghu.

**41.** In sostenn tat-tezi taghhom in rigward tal-kumpanija "Chapman's London Garage Limited", l-atturi prezentaw skrittura ta' trasferiment ta' ishma (a' fol 70). Din l-iskrittura, la hija datata u lanqas iffirmata. B'xorti tajba ghall-Atturi, il-Konvenuta Vivienne Bonavia ipprezentat mal-affidavit taghha (a' fol 152) serje ta' dokumenti li kienu jappartjenu lit-testatur, fosthom file blue mmarkat bhala Dok VB15. Dan il-file jikkontjeni nkartament relatat mat-transazzjoni imsemmija, fost ohrajn l-original tal-iskrittura nnifisha li hija ffirmata u datata 19 ta' April 1988 (a' fol 194).

**42.** Bis-sahha tal-ewwel klawsola ta' din l-iskrittura, it-testatur trasferixxa tmenin fil-mija (80%) tal-ishma tal-kumpanija imsemmija lil uliedu Atturi ghal prezz ta' hamsin elf sterlina. Skont klawsola 2, dan l-ammont kellu jithallas fuq perjodu ta' 70 xahar. Fl-istess klawsola t-testatur obbliga ruhu li

jitrasferixxi l-bqija tal-ghoxrin fil-mija (20%) tal-ishma malli l-hlas jigi effettwat in toto.

**43.** Minn ezami ta' dan il-ftehim, il-valuri moghtija, il-kawzi li holqu l-obbligi assunti mill-ahwa Bonavia, il-modalitajiet ta' pagamenti, u kif ukoll kundizzjonijiet ohra, bhal per ezempju klawsola 4 tal-ftehim, jindikaw li lanqas jista' jinghad li hemm hjiel ta' xorta ta' simulazzjoni.

**44.** F'dan ir-rigward il-Qrati taghna sostnew li "*in linea ta' simulazzjoni relattiva, fejn apparentement isir negozju, imma realment ikun intiz u jsir iehor, il-principju huwa li ghandu jsehh dak li l-partijiet riedu, u mhux dak li jidher li ghamlu; imma naturalment, sabiex in-negozju guridiku mohbi, indipendentement mill-falza apparenza tieghu, jista' jinghad li jkun jezisti, huwa mehtieg li jkun jew ikollu l-kondizzjonijiet essenzjali sabiex isehh dak il-kuntratt. Fi kliem iehor, jehtieg li jigi pruvat li l-kontraenti jkunu fil-fatt riedu n-negozju celat,…….*" **(**ara **Elena Inguanez vs Avukat Dr. Carmelo Agius et nomine deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' April 1957 – Vol. XLI.ii.980).**

**45.** Minn ezami tal-iskrittura imsemmija u c-cirkostanzi l-ohra kollha tal-kaz, ma rrisultax lil din il-Qorti li n-negozju li sar bejniethom kien fir-rejalta' wiehed ta' donazzjoni u li provaw jitravestuh bhala wiehed onoruz, ghalkemm il-Qorti taqbel li dan il-ftehim seta' kien redatt b'mod aktar felici u ahjar (ara "Letter of Advice" a' fol 205 et seq). Di piu', sakemm it-testatur kien ghadu haj, jidher li kkontesta bil-qawwa dan il-ftehim, mhux wisq ghax kien donazzjoni izda

ghaliex hass li kellu jahsad beneficcju ahjar. Dwar dan il-punt, hemm korrispondenza pjuttost folta bejn l-avukati taz-zewg partijiet li jinsabu fil-folder il-blu sal-punt li sahansitra saret kawza konnessa ma' dan in-negozju (ara a' fol 205 sa 254). Jidher, li finalment din il-pendenza giet issaldata bejn il-partijiet bil-hlas ta' hamsa u ghoxrin elf mija u erbgha u disghin Sterlina (Stg. 25,194) fis-6 ta' Lulju 1990 (ara xhieda ta' Paul Bonavia a' fol 643). Dan ifisser li kull pendenza f'dan ir-rigward kienet giet manifestament issaldata f'hajjet it-testatur.

**46.** Apparti dan, il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll li ma saret ebda kontro-talba mill-Konvenuta, biex dan il-ftehim jigi dikjarat li ghandu jitqies bhala donazzjoni u mhux ftehim onoruz, kif bhal donnha qeghdha taghti x'tifhem il-Konvenuta. Dan qed jinghad, ghaliex simulazzjoni ta' din ix-xorta tirrendi kuntratt annullabbli u mhux null , ghal kuntrarju ta' dik assoluta. Ghalhekk, il-htiega ta' kontro-talba kienet *sine qua non* biex il-Konvenuta setghet tirnexxi f'din id-difiza permezz ta' dikjarazzjoni appositament mitluba.

**47.** Ghalhekk il-Qorti taqbel, li dawn l-ishma ma gewx mehuda jew donati mit-testatur, izda mibjugha minnu lill-Atturi bi hlas. Dan ifisser li l-valur taghhom m'ghandux ikun soggett ghall-kollazzjoni billi ma jiffurmawx parti mill-gid kollazzjonabbli fit-termini tal-artikolu 922 tal-Kodici Civili (ara Sentenza tal-**Qorti Civili Prim' Awla fis-sentenza Anthony Haber pro et noe vs Marlene Miceli moghtija fit-30 ta'Ottubru 2014**).

**48.** Fuq it-tlett elef sterlina (Stg 3000) li missierhom iddikjara li ghadda lil kull wiehed mill-Atturi sabiex jakkwistaw il-proprjetá rispettiva taghhom jinghad li, hlief ghad-dikjarazzjoni testamentarja tal-missier, din il-Qorti ma sabet xejn fl-atti li jissufraga l-eccezzjoni moghtija mill-Konvenuta. Kieku din il-Qorti kellha tistrieh fuq din id-dikjarazzjoni biss, tkun qed tiftah bieb ghal kull min jaghmel dikjarazzjoni unilaterali ta' din ix-xorta f'testment.

**49.** Fil-kuntest ta' dikjarazzjonijiet ta' din ix-xorta fejn meta ma hemmx skritturi izda biss il-kelma ta' parti kontra l-ohra l-kwistjoni tirriduci ruhha fi kwistjoni ta' kredibbilta'. Jakkwista ukoll valur kbir il-principju li min qieghed jallega jrid jipprova l-fatt li fuqu qed jistrieh. Meta missierhom ghamel it-testment tieghu fit-3 ta' Novembru 1992 (a' fol 11 ) kien diga' beda jberraq bejnu u bejn l-Atturi. Ghalhekk, id-dikjarazzjoni fuq imsemmija saret fil-kuntest tar-relazzjonijiet acituzi li kien hemm bejniethom.

**50.** Huwa principju sancit fl-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet tal Malta li "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah". Kwindi hija l-Konvenuta Vivienne Bonavia li trid iggib il-prova ta' dak li qed tallega. Kwantu ghall-kwalita ta' prova mehtiega issir refrenza ghal dak li intqal fis-**Sentenza fl-ismijiet Chef Choice Limited vs Raymond Galea et deciza fis-26 ta` Settembru 2013** *"… għalkemm il-grad ta` prova fil-proċediment ċivili m`huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi*

*supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju.*

*… ... Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b`mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 -* ***Hans J. Link et vs Raymond Mercieca****). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista` tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 -* ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil****).*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f`kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).”*

**51.** Il-Konvenuta Vivienne Bonavia tikkontendi li l-ammont ta’ tlett elef u sitta u sittin sterlina (Stg. 3066) thallas lil Paul Bonavia b’referenza ghall-‘bank statement’ mahrug minn LLyods Bank tal-1 ta’ Gunju 1988 u senjatament ghall-pagament li hareg fis-16 ta’ Mejju 1988 (a’ fol 314 ). Hdejn din is-somma hemm miktub bil-biro, presumibbilment minn Victor Bonavia, l-kliem *“paid to*

*Paul”*. Kopja tac-cheque li bih sar il-hlas ma hemm imkien fl-atti. Hemm ukoll envelope mehmuz mal-imsemmi ‘statement’ bil-kliem “*Please save this--------VIP=statement. Might be useful record of certain transactions and transfers etc. June 1988/89 ”*. It-timbru li hemm fuq envelope inkwistjoni ghandu d-data ta’ *3.8.96*. L-envelope ghalhekk, zgur ma kienx dak li kien jikkontjeni fih l-istatment inkwistjoni ghaliex dan kien hareg ben tmien snin qabel. Jidher car ghalhekk, li dak miktub tnizzel meta r-relazzjonijiet bejn il-partijiet kien ilhom li marru l-bahar.

**52.** Da parti taghhom, l-Atturi jichdu b’mod kategoriku li qatt ircevew xi flus minghand missierhom. Carolanne Purslow tichad kategorikament u sahansitra tghid li kienet hadet facilita` bankarja (a’ fol 111). Aktar minn hekk, ma gie esebit ebda dokument bankarju fejn jindika li sar dan il-hlas fir-rigward taghha. Paul Bonavia jichad ukoll li qatt ircieva xi flus (a’ fol 645 ). Il-Qorti ssibha inverosimili hafna, li l-ammont li jissemma’ fl-istatement fuq imsemmi tassew thallas lil Paul Bonavia. Dan qieghed jinghad ghaliex propju f’April tal-istess sena sar it-trasferiment ta’ Chapman’s Garage lill-Atturi. Meta tqis kemm l-imsemmi Victor Bonavia kien akkanit li jithallas dak li kien dovut lilu skont dak il-ftehim tad-19 ta’ April 1988, tant li ftit taz-zmien wara bdew il-kontestazzjonijiet li sahansitra waslu ghall-kawza quddiem il-Qorti Ingliza. Din il-Qorti ssibha difficli biex temmen li dawk it-Stg 3066 tassew thallsu lill-Attur Paul Bonavia.

**53.** Ladarba l-Konvenuta Vivienne Bonavia ma sostnitx dak dikjarat fit-testment mit-testatur, din il-Qorti ma tistax tqis tali dikjarazzjoni bhala wahda li sehhet bhala fatt. Ghaldaqstant dawn il-flus m'ghandhomx jitnaqqsu mill-kalkolu tal-legittima dovuta lill-Atturi.

*<u>Kalkolu u hlas tal-legittima</u>*

**54.** Ghal dak li huma principji legali relatati ma' hlas tal-legittima, bhal ma diga' kellha okkazjoni taghmel f'kawzi ohra simili, din il-Qorti sejra taghmel ampja referenza ghas-Sentenzi fil-materja. Fis-**Sentenza Dorothy Grech mart Emanuel vs Deborah Fenech De Fremaux datata 5 ta' Mejju 2011**. F'din is-sentenza l-Qorti ssenjalat il-principji ewlenin bil-mod kif gej:-

"*Il-liġi* [qabel ma giet emendata bl-Att XVIII ta' l-2004] *kienet tqis is-sehem riżervat bħala parti mill-ġid tal-mejjet (quota bonorum) u mhux bħala sehem mill-wirt tiegħu (hereditatis portio) u għalhekk il-leġittimarju ma kienx sempliċi kreditur tal-wirt u lanqas ma kien mistenni li jagħmel tajjeb għad-djun tiegħu (għalkemm l-ammont ta' djun tal-wirt iħallu effett fuq is-sehem tal-leġittima li l-leġittimarju jkollu jedd jirċievi) ... …*

*Il-leġittimarju jrid jitlob il-leġittima mingħand min ikun inħatar (jew aċċetta li jkun) werriet, u għandu l-jedd jistenna li l-ġid li minnu jingħata s-sehem riżervat tiegħu ikun għadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-decuius (App. Ċiv. **10.6.1949** fil-kawża fl-ismijiet **Farruġia noe et vs Mintoff noe et** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.472**);*

*Illi jsegwi li idejalment il-leġittima trid tingħata in natura (P.A.* ***22.5.1950*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Wismayer et vs Wismayer et*** *(Kollez. Vol:****XXXIV.ii.574****), jigifieri tkun magħmula minn fost il-ħwejjeg mill-gid tal-mejjet li jew jkunu għadhom jagħmlu parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew ikunu ddaħħlu idejalment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu iddispona b'liberalita' minn iżjed minn dak li tagħtih il-liġi. Is-sehem riżervat jinħadem fuq il-wirt kollu (magħdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta' ż-żwieġ (Art. 620(3) tal-Kap 16)), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral (Art. 620(2) tal-Kap 16) 22 u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-leġittimarju ikun ħa mingħand it-testatur (Art. 620(4) tal-Kap 16), u tingħata fi proprjeta' sħiħa meħlusa minn kull piż jew kondizzjoni (Art. 620(1) tal-Kap 16). Fuq kollox, is-sehem riżervat jiġi mgħoddi b'assenjazzjoni u mhux bit-tlugħ tax-xorti* ***(P.A. 7.1.1967 fil-kawża fl-ismijiet Scicluna et vs Meli et (Kollez. Vol: LI.ii.696);***

*... ...*

*Illi huwa prinċipju aċċettat ukoll li s-sehem riżervat inissel il-jedd għall-imgħaxijiet favur min għandu jedd għalih. Tali mgħax jibda għaddej minn dak inhar li jinfetaħ il-wirt, imma jitqies biss fuq is-sehem li jkun imiss lil-leġittimarju u mhux fuq il-ġid kollu tal-wirt* ***(P.A. 16.5.1950 fil-kawża fl-ismijiet Said vs Borġ Grech noe et (Kollez. Vol: XXXIV.ii.568);***

*Illi fi kwestjoni li tolqot il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat huwa ġudizzjarjament stabbilit li l-kriterju tal-valutazzjoni tal-ġid kellu jkun dak ta' kemm kien jiswa tali ġid fiż-żmien li nfetaħ il-wirt u fil-kundizzjoni li tali ġid kien dak iż-żmien, u*

*b'mod iżjed preċiż: "li, għall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja tal-assi ereditarju in kwantu diretta għar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decuius (li l-liġi tikkunsidra bħala terminu ta' riferiment għad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tiġi affermata jew eskluża l-eżistenza tal-leżjoni tal-leġittima)* ***bilfors*** *wieħed irid jirriporta ruħu għall-valuri fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi relattivi għall-kollazzjoni". Iżda, "jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett "un bene reale" u l-"aestimatio rei"* ***għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni,*** *cioe` ż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġjudizzjali u tenut kont għalhekk* ***ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja****" (****App. Ċiv. 10.12.1973 fil-kawża fl-ismijiet Conċetta Vella et vs Giuseppe Buġeja et (mhix pubblikata);***

*Illi tali fehma tibqa' sseħħ ukoll jekk kemm-il darba l-jedd tas-sehem riżervat ma jkunx ġie soddisfatt bla ħtija tal-parti li għandha jedd għalih u jkun inbidel fi dritt ta' kreditu li jitħallas fi flus bħala "aestimatio rei". (****App. Ċiv. 14.12.1973 fil-kawża fl-ismijiet Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi*** *noe et (mhix pubblikata). Iżda, f'dak il-każ, il-valur għandu jkun iqarreb il-valur tal-ġid fiż-żmien tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat (****App. Ċiv. 28.1.2005 fil-kawża fl-ismijiet Mary Anne Żammit et vs Antonia Ellul et).***

*Dawn il-kriterji kollha jfissru li, fl-eżercizzju tal-likwidazzjoni tal-assi ereditarju għall-finijiet li jiġi stabbilit is-sehem riżervat, wieħed ma jistax iqis il-potenzjal jew il-possibilitajiet ta' dak il-ġid fil-ġejjieni (ikun kemm ikun probabbli li jiżdied il-valur tiegħu). Dan joħroġ ukoll mill-fatt li l-jedd għas-sehem riżervat jitnissel mal-ftuħ tas-suċċessjoni u huwa marbut sfiq ma' dik il-ġrajja fil-qafas taż-żmien li tkun seħħet.* "

**55.** Ghal dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet tad-dritt marbutin mal-kalkolu tal-legittima dovuta lill-ulied il-mejjet Victor Bonavia u l-kwistjoni ta' jekk kienx hemm lezjoni tal-istess, jrid jigi determinat is-sehem li t-testatur seta' jiddisponi minnu. Dan ghandu jigi kalkolat skont kif jiddisponi s-sub-inciz (c) tal-Artikolu 648 tal-Kodici Civili. Skont dan l-artikolu, dan is-sehem tat-testatur jigi kalkolat billi jingabru l-beni msemmija fis-sub-incizi (a) u (b) tal-imsemmi artikolu 648 u minnhom "jittiehed qies tal-jeddijiet ta' dawk li ghandhom jedd b'ligi ta' sehem mill-beni tieghu, skond id-disposizzjonijet ta' l-artikoli 615 sa 646.

**56.** L-artikoli 615 sa 646 jirregolaw il-legittima moghtija mill-ligi lid-dixxendenti tat-testatur u l-legittima portio moghtija mil-ligi lill-konjugi superstiti u tfal illegittimi. F'dan il-kaz, il-legat mholli mit-testatur lill-Konvenuta Vivienne Bonavia jaqbez sew il-legittima portio li tmiss lilha bhala l-konjugi superstiti bis-sahha tal-artikoli 631 u 633A tal-Kodici Civili. Ghaldaqstant, fit-termini ta' dak li insibu fis-sub-incizi (1) u (2) tal-artikolu 634 tal-Kodici Civili, l-istess legittima portio ma tghoddx u ma ssibx applikazzjoni fil-konfront taghha.

**57.** Isegwi li fil-kaz de quo, dak li ghandu jittiehed qies mis-sehem tat-testatur sabiex jigi stabbilit dak is-sehem li huwa seta jiddisponi minnu ai termini tal-imsemmi artikolu 648(c) tal-Kodici Civili, huwa l-jedd tal-legittima moghti b'ligi lill-Atturi bhala d-dixxendenti tat-testatur missierhom kif regolat bl-artikoli 615 sa 630.

**58.** Is-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fid-29 ta' Frar, 2008 fl-ismijiet **L-Avukat Chris Said noe vs Mary Abela pro et noe** kif konfermata mill-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza moghtija fit-28 ta' Mejju 2010, spjegat fid-dettal kif tali sehem ghandu jigi determinat u stabbilit li "*l-punt tat-tluq hu dak li jissejjah bhala* ***rijunjoni fittizzja****. Permezz ta' dan l-ezercizzju preliminari isir kalkolu tal-ammont li t-testatur seta' jiddisponi minnu (disposable portion) u l-parti li ma setax jiddisponi minnha. Din mhi xejn ghajr likwidazzjoni tal-gid tat-testatur. B'dan il-mod ikun jista' jigi determinat jekk fir-realta' kienx hemm lezjoni tas-sehem rizervat. Dan l-ezercizzju jrid isir b'dan il-mod:-*

*(a) Fl-ewwel lok ghandhom jingabru l-beni kollha fi zmien tal-ftuh tas-successjoni (relictum) u jinghata l-valur taghhom fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni;*

*(b) Minn dan l-ammont ghandu jinqata' d-dejn;*

*(c) Mill-bilanc li jibqa' ghandu jizdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni ("Such addition is necessary because the portion of the deceased's property was saved by law in favour of certain persons*

> *cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. T he legitima portio is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations. The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due, even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights" (Prof. Caruana Galizia fin-Notes on Law of Succession, pagna 1021).*

*Fl-Artikolu 648(b) tal-Kodici Civili jinghad li din il-proprjeta` "shall be fictitiously added" mehud in konsiderazzjoni tal-valur tal-proprjeta fi zmien tal-apertura tas-successjoni izda fil-kondizzjoni li kienet meta nghatat id-donazzjoni.*

*B'hekk inkunu nistghu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul hajtu u wkoll permezz ta' disposizzjonijiet testamentarji)* ***jaqbizx is-sehem li minnu seta' jiddisponi.*** *Tant hu hekk li l-Artikolu 648(c) jipprovdi li "is-sehem li t-testatur seta' jaghmel minnu jitqies fuq l-assi hekk migbur, billi jittiehed qies tal-jeddijiet ta' dawk li ghandhom jedd b'ligi ta' sehem mill-beni tieghu, skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 615 sas-646".* ***F'kaz li jaqbez is-sehem li seta' jiddisponi minnu, ikun hemm lezjoni ta'***

***legittima**. Pero` f'dan l-ezercizzju wiehed irid ukoll jikkunsidra legati li setghu thallew lil min ghandu d-dritt ghas-sehem rizervat (legittimarju) u dak li seta' rcieva minghand it-testatur inter vivos u li hu soggett ghall-kollazzjoni sabiex jigi stabbilit jekk is-sehem rizervat thallsitx (Artiklu 620(4) tal-Kodici Civili (Kap. 16)). Imbaghad fejn dak li ddispona minnu t-testatur jaqbez is-sehem disponibbli, irid isir l-ezercizzju maghruf bhala riduzzjoni skond id-disposizzjonijiet 650-653 tal-Kodici Civili (Kap. 16).*"

**59.** Applikat dan l-insenjament, johrog li l-legittima li minnha l-ahwa Bonavia jisthoqqilhom jircievu, trid tinhadem fuq il-valur tal-beni ta' missierhom fil-kundizzjoni li kienu jinstabu fiha mal-ftuh tal-wirt tieghu, ossia fil-11 ta' Ottubru 1997.

**60.** Fl-ezercizzju sabiex tistabbilixi x'inhu dovut lill-Atturi, din il-Qorti trid l-ewwel tiddetermina mill-atti dawk l-assi li kienu jappartjenu lid-defunt fil-mument tal-mewt tieghu. Sussegwentement tqis il-valur tal-beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-Konvenuta Vivienne Bonavia u Victor Bonavia xolta bil-mewt ta' Victor Bonavia u taqsamhom f'zewg porzjonijiet indaqs li wahda minnhom tigi assenjata lill-assi tad-defunt Victor Bonavia (art. 1333 Kap. 16). Mill-atti ma jirrizultax li bejn Victor u Vivienne Bonavia kien hemm xi kitba permezz ta' liema eskludew il-komunjoni tal-akkwisti. Ghaldaqstant kienet tapplika bejniethom il-komunjoni ai termini tal-artikolu 1316(2) tal-Kodici Civili.

**61.** Sabiex tigi kalkolata l-legittima favur l-Atturi ahwa Bonavia din il-Qorti trid tillikwida l-eredita' ta' Victor Bonavia fost ohrajn billi tistabilixxi l-valur tal-assi parafernali tieghu dak inhar ta' mewtu, maghdud ma' sehemu fil-komunjoni tal-akkwisti, kemm dak *relictum* kif ukoll dak *donatum* (art 620(3) Kap. 16) u tnaqqas il-gid kollezzjonabbli li f'dan il-kaz ma jirrizultax li hemm htiega li dan isir fid-dawl ta' dak li intqal aktar 'l fuq.

**62.** Mid-dokumenti prezentati mill-partijiet fil-kawza jirrizulta li hemm is-segwenti assi:

- Il-villa Minerva, Juno Heights, Tas-Silg, Marsaxlokk (ara kuntratt ta' akkwist datat 19 ta' Mejju 1988 a' fol 13 u causa mortis a' fol 157).

- Tlett mija u disgha (390) "preference shares" bit-tmienja fil-mija (8%) ghal perijodu elf disa' mija u sitta u disghin sal-elf disa' mija u disgha u disghin (1996-1999) fid-ditta Simonds Farsons Cisk fl-ammont ta' LM309 (ara causa mortis a' fol 159 u z-zewg statements of holdings ta' dawn l-ishma mmarkati bhala Dok VB 20 a' fol 274). Peress li l-konjugi Bonavia nizlu joqoghdu f'Malta xahar wara li zzewgu (ara affidavit ta' Vivienne Bonavia a' fol 150) dawn l-ishma gew akkwistati wara li l-konjugi Bonavia waslu Malta u ghaldaqstant jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-Akkwisti ai termini tal-imsemmi artikolu 1316(2) tal-Kodici Civili. Isegwi ghalhekk li minn dan l-ammont, hija s-somma ta' <u>LM154.50</u> li ghandha tigi assenjata lill-assi tad-defunt Victor Bonavia.

- Polza ta' assigurazzjoni numru GBB/F09899T-100 f'isem id-defunt Victor Bonavia li però mmaturat fl-1 ta' Awwissu 1993 jigifieri iktar minn erba snin qabel il-mewt tieghu (ara dokumenti kontenuti f'envelope abjad min fol 283 sa 308). Il-flus b'rabta ma din il-polza kienu gew trasferiti f'Llyods bank (ara ittra datata 26 ta' Lulju 1993 a' fol 305). Ghaldaqstant ma hemmx lok li din il-polza titqies minn din il-Qorti ai fini biex tigi kkalkulata l-legittima dovuta lill-atturi.

- Kontijiet bankarji esteri ma' *Lloyds bank* f'isem id-decuius kontenuti f'file ahdar mmarkat Dok VB24 (a' fol 309 sa 451). Minn dan il-file jirrizulta li hemm zewg kontijiet: "classic account" li jgib in-numru 68242 u "savings account" li jgib in-numru 7195398. Il-Qorti ma hijiex f'qaghda li tista' tiddetermina l-ammont f'dawn il-kontijiet fil-mument tal-mewt tad-decuius. Dan ghal raguni li l-ahhar data tal-kont numru 68242 tirrisali ghal madwar tmien xhur qabel il-mewt ta' Victor Bonavia (ara fol 39) filwaqt li l-ahhar data tal-kont 7195398 tirrisali ghal-madwar sitt xhur qabel il-mewt tieghu (ara fol 409). Jirrizulta izda li fid-9 ta' Novembru 2001 Lloyds Bank baghtet rendikonti taz-zewg kontijiet bankarji (a' fol 309 sa 311). F'dik id-data il-bilanc fil-kont numru 68242 kien ta' £2,816.17 u l-bilanc fil-kont numru 7195398 kien ta' £2,075.99. Maghduda flimkien, dawn iz-zewg ammonti jaghmlu £4892.16 (£2,816.17 + £2075.99). Il-Qorti tikkonsidra gust li minn dawn l-ammonti jitnaqqsu l-interessi li akkumulaw f'perjodu ta' erba' snin mid-data tal-mewt tad-decuius sa d-data li fiha nhargu l-istatements

msemmija. Dan peress li, fid-dawl tal-principji enuncjati fis-Sentenza fuq citata, dawn m'ghandhomx jigu kkunsidrati sabiex jigi stabbilit il-valur tal-assi tad-decuius fid-data tad-decess tieghu ai fini ta' kalkolu tal-legittima dovuta lill-atturi. Din il-Qorti, wara li rat ir-rati tal-interessi applikabbli ghal-"classic account" bin-numru 68242 fis-sena 1997 (a' fol 328), u wara li rat l-"annual interest summary" rigwardanti s-"savings account" numru 7195398 ghas-sena April 1993 sa April 1994 (a' fol 423), li gie kalkolat fuq ammont li ghal aktar minn nofs l-istess zmien kien bejn wiehed u iehor jekwivali ghal dak li hemm elenkat fl-istatement mahrug fis-sena 2001 a' fol 424 u 425), tqis, li arbitrio boni viri ghandha tnaqqas percentagg ta' 7% mis-somma hekk indikata. Isegwi ghalhekk, li l-ammont li fuqu se jitqies ghal skop ta' kalkolu tal-legittima huwa ta' £4,549.7 (£4,892.16-7%). Izda l-ezercizzju ma jieqafx hawn. Minn dan l-ammont trid titnaqqas nofs is-somma li d-defunt Bonavia akkwista f'dawk is-snin li sehhet *ope legis* il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Bonavia ai termini tal-artikolu 1316(2) tal-Kodici Civili u cioe' minn meta gew joqoghdu f'Malta, jigifieri minn Mejju tas-sena 1992.

Mir-rendikont ta' Mejju 1992 (a' fol 376), jirrisulta, li fil-Kont Bankarju numru 68242, il-Konvenut kellu somma ta' £284.39. Mir-rendikont bankarju tal-kont numru 7195398 (a' fol 431) id-defunt f'Mejju 1992 kellu somma ta' £2,613.53. Ghaldaqstant is-somma li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti hija dik ta' £1,651.08 (£4,549.7 - £284.39 - £2,613.53). Dan l-ammont ghalhekk ghandu jinqasam f'zewg

porzjonijiet indaqs ta’ £825.54. Meta ma’ dan l-ammont tizdied dik is-somma li d-defunt kellu f’dawn il-kontijiet qabel iz-zwieg tieghu mal-Konvenuta Vivienne Bonavia, jirrizulta li dak l-ammont li ghandu jigi assenjat lill-assi tad-defunt Victor Bonavia huwa ta’ £3,723.46 (£825.54+£284.39+£2,613.53).

Fis-sena tal-mewt tad-decuius il-lira sterlina kienet tiswa LM0.697167 (ara s-sit elettroniku http://fxtop.com/en/currency-converter past.php?A=100&C1=GBP&C2=MTL&DD=11&MM=10&YYYY=1997&B=1&P=&I=1&btnOK=Go%21). Ghaldaqstant l-ammont ta’ £3,723.46 jekwivali ghal LM2,595.87 (£3,723.46x0.697167).

- Kont bankarju maghluq numru 304078367 mal-Mid-Med Bank f’isem id-decuius. Fix-xhieda taghha a’ fol 146 Carmela sive Lina Rossitto tghid li l-flus li ngibdu minn dan il-kont, ammontanti ghal LM457.02, inzammu ghandha fuq insistenza tad-decuius u li dawn il-flus hi uzathom biex principalment thallas l-ispejjez tal-funeral u tghati donazzjoni lid-Dar tal-Providenza (ara xhieda a’ fol 146 u dokumenti a’ fol 140, 483 u 141, 480). Ai termini tal-artikolu 620(3) u 648(b) u (c) tal-Kodici Civili, il-legittima ghandha tinhadem fuq il-wirt kollu maghdud dak li t-testatur ikun ta’ b’xejn matul hajtu. Isegwi ghalhekk li dan l-ammont ghandu jidhol fil-kalkolu tal-assi tad-defunt Victor Bonavia sabiex tigi likwidata l-legittima dovuta lill-atturi.

- Rendikont bankarju ta' erbgha kontijiet f'isem Victor Bonavia fil-Bank of Valletta:

  <u>'FC Call' account numru 11906699012</u> li jkopri dawn il-perjodi:

- Ottubru sa Dicembru tas-sena 2004 li juri bilanc ta' LM2,600.04 (a' fol 280)
- Jannar sa Marzu tas-sena 2005 li juri bilanc ta' LM2,615.25 (a' fol 278)
- Ottubru sa Dicembru tas-sena 2005 li juri bilanc ta' LM 2,662.31 (a' fol 276)

Il-Qorti tinnota li f'dan il-kont zdiedu Lm15 u fuqhom interessi kull tlett xhur. Jigifieri f'sena jakkumulaw daqsxejn iktar minn LM60 nteressi. Sabiex jitqies x'kien il-bilanc f'dan il-kont fil-mument tal-mewt tad-decuius, il-Qorti se tnaqqas mill-bilanc muri ghal-perjodu Ottubru sa Dicembru 2004 is-somma ta' LM440 rapprezentanti nteressi li akkumulaw f'sebgha snin u tlett xhur mill-mewt tad-decuius sa' Dicembru 2004. Il-bilanc fil-mument tal-mewt tad-decuius f'dan il-kont ghalhekk kien jammonta ghal LM 2,160.04 (LM2,600.04-LM440).

<u>Savings account numru 12105228021</u> li jkopri dawn il-perjodi:

- Dicembru 2003 sa Dicembru 2004 li juri bilanc ta' LM426.04 (a' fol 281)
- Dicembru 2004 sa Dicembru 2005 li juri bilanc ta' LM429.97 (a' fol 277).

Il-Qorti tosserva li f'sena kien hemm zieda ta' madwar LM3 interessi. Sabiex jitqies x'kien il-bilanc f'dan il-kont fil-mument tal-mewt tad-decuius, il-Qorti ghalhekk sejra tnaqqas mill-bilanc muri ghal-perjodu Dicembru 2003 sa Dicembru 2004 is-somma ta' LM23 rapprezentanti nteressi li akkumulaw f'sebgha snin u tlett xhur mill-mewt tad-decuius sa Dicembru 2004. Il-bilanc fil-mument tal-mewt tad-decuius f'dan il-kont ghalhekk kien jammonta ghal LM 403.04 (LM426.04-LM23)

<u>Current account numru 12105228018</u> li jkopri dawn il-perjodi:

- Lulju sa Dicembru tas-sena 2004 li juri bilanc ta' LM387.27 (a' fol 282)
- Lulju sa Dicembru tas-sena 2005 u juri bilanc ta' LM387.27 (a' fol 279).

Il-Qorti tosserva ghalhekk li ma kien hemm l-ebda zieda f'dan il-kont kurrenti u li ghalhekk tikkonkludi li l-bilanc f'dan il-kont fil-mument tal-mewt tad-decuius kien fil-fatt dak muri fir-rendikonti msemmija u cioe LM387.27.

Isegwi li l-ammont globali li d-decuius kellu f'ismu mal-bank BOV fil-mument li fih gie nieqes kien ta' LM2,950.35 (LM 2,160.04 + LM 403.04 + LM387.27).

Ladarba ma hux maghruf meta nfethu dawn il-kontijiet, il-Qorti se tqis l-ammont kollu bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Ghaldaqstant dak l-ammont li ghandu jigi assenjat lill-assi tad-defunt Victor Bonavia huwa ta' <u>Lm1,295.18</u> (LM2,950.35 ÷ 2).

- Gie prezentat a' fol 272 rendikont bankarju markat Dok VB 20 li skont il-Konvenuta Vivienne Bonavia gie mhejji min certu Henry Delezio rapprezentant tal-*Bank of Valletta*. Madanakollu dan ma giex imharrek sabiex jikkonferma bil-gurament l-istess. Dan minkejja li rapprezentanti tal-banek huma elenkati fil-lista tax-xhieda, kemm tac-citazzjoni prezentata mill-Atturi u anke tan-nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-Konvenuta. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dan ir-rendikont u sejra tiskartah.

**63.** Meta dawn l-assi jigu maghduda flimkien, johrog li l-valur tal-beni ta' missierhom fil-kundizzjoni li kienu jinstabu fiha mal-ftuh tal-wirt tieghu jikkonsistu fil-proprjetá Villa Minerva, Juno Heights, Tas-Silg Marsaxlokk u LM4,502.57 f'ishma u kontijiet bankarji kemm esteri u lokali.

**64.** Il-perit Joseph Ellul Vincenti mahtur mill-Qorti ddikjara li fil-gurnata tal-mewt ta' Victor Bonavia, cioe f'Ottubru 1997, il-valur ta' din il-propjetá msemmija kien ta' tmenin elf Maltin (LM80,000) ekwivalenti ghal €186,400 (ara rapport peritali a' fol 572). Ghaldaqstant il-valur fi flus tal-assi ta' missier l-Atturi fil-gurnata tal-mewt tieghu jammonta ghal LM84,502.57.

**65.** Ghal fini tas-sub-inciz (2) tal-artikolu 620 tal-Kap. 16, minn dan l-ammont ghandhom jitnaqqsu l-ispejjez tal-funeral ammontanti ghal LM337 (ara fol 141 u 480). Dan irrizulta mix-xhieda tal-Konvenuta Carmela sive Lina Rossitto li dawn thallsu mill-assi tad-defunt Victor Bonavia (ara xhieda a' fol 146). Mill-atti ma jirrizultax li d-defunt Victor Bonavia kellu xi djun u ghalhekk

m'hemm xejn x'jitnaqqas f'dan ir-rigward. Kif stabbilit aktar 'il fuq, lanqas ma hemm xi gid kollezzjonabbli li l-legittimarji hadu minghand it-testatur, li ai fini tas-sub-inciz (4) tal-artikolu msemmi, jimmerita tnaqqis mill-ammont ta' LM84,502.57. Isegwi ghalhekk li l-valur tal-beni ta' Victor Bonavia ai fini biex tigi kalkolata l-legittima dovuta lill-atturi huwa ta' **LM84,165.57** (LM84,502.57 [valur immobbli+valur flus likwidi] meno LM337 [djun tal-funeral]). Dan dejjem qieghed jinghad ghall-valuri fil-mument tad-decess tal-imsemmi Victor Bonavia missier l-Atturi u li kieku l-legittima thallset dak in-nhar bil-mod kif kalkolat hawn taht.

**66.** Issa in virtù tal-artikolu 616(1) tal-Kodici Civili, il-legittima shiha dovuta lill-ulied Carolanne u Paul ahwa Bonavia, ladarba m'humiex izjed minn erbgha ulied, tibqa' dejjem dik ta' terz (1/3) tal-gid ereditarju ta' missierhom Victor Bonavia tithallas meta tithallas. Skont is-sub-inciz 2 tal-istess artikolu, dan is-sehem irid jinqasam daqsinsew bejn dawk kollha li jmisshom minnu. Dan ifisser ghalhekk li sehemhom dejjem irid ikun ta' parti minn sitta (1/6) kull wiehed tal-gid li jirrizulta li missierhom kellu dak inhar li miet salv ghall-valuri skont it-taghlim gurispridenzjali aktar 'l isfel.

**67.** Ghalhekk isegwi li l-Atturi ahwa Bonavia kien jisthoqqilhom jiehdu mill-imsemmi wirt b'kemm jiswew LM14,027.60 kull wiehed f'gid li kellu missierhom fil-waqt ta' mewtu. Dan huwa ekwivalenti ghal **€32,675.52** f'munita ewro. Isegwi li l-valur tal-beni ta' Victor Bonavia ai fini biex tigi kalkolata l-legittima dovuta lill-atturi huwa ta' **LM56,110.37** (LM84,165.57 -

LM14,027.60 - LM14,027.60) ekwivalenti ghal **€130,702**. Dan ifisser li l-ammont ta' 130,702 ewro kien il-gid disponibbli tieghu mentri ir-rimanenti ammont ma kienx disponibbli ghaliex minnu riedet tigi sodisfatta l-legittima.

**68.** Jirrizulta evidenti ghalhekk li bil-legat mholli lil martu l-Konvenuta Vivienne Bonavia, it-testatur Victor Bonavia qabez is-sehem li minnu huwa seta' jiddisponi b'dan li ma hemmx min fejn jithallas dak dovut lill-Atturi bhala legittima. Ghaldaqstant, ai termini tal-artikolu 647 tal-Kodici Civili, dan il-legat ghandu jitnaqqas "sa dak is-sehem, fiz-zmien tal-ftuh tas-successjoni". Dan it-tnaqqis ghandu jsir pro rata fit-termini tal-artikolu 652 tal-Kodici Civili.

**69.** Issa l-legat imholli lill-Konvenuta Bonavia jikkonsisti fi proprjetá u li kif jirrisulta mill-atti, ma huwiex possibli li l-bicca li taqbez is-sehem li seta' jiddisponi minnu t-testatur, tinfired bla xkiel u bla hsara bil-mod kif provdut fl-artikolu 653 (1) tal-Kodici Civili. Ghaldaqstant il-legatarja Vivienne Bonavia ghandha d-dritt tal-ghazla moghtija bis-sub-inciz (2) tal-artikolu 653 tal-Kodici Civili thallas bi flus il-legittima dovuta lill-Atturi.

**70.** Ghall-ahjar apprezzament dwar l-import legali ta' dan il-punt, jimmerita li dan l-artiklu jigi citat fl-intier tieghu:

> *"(1) Meta l-legat suġġett għat-tnaqqis ikun ta' ħaġa li minnha l-biċċa li taqbeż is-sehem li minnu t-testatur seta' jagħmel tista' tinfired bla xkiel u bla ħsara, it-tnaqqis isir bil-mezz ta' din il-firda.*

*(2) Iżda, kemm-il darba din il-firda ma tkunx tista' ssir mingħajr xkiel u ħsara, il-legatarju jista', jekk irid, iħallas bi flus dak li jkun imissu jagħti lill-parti li tkun qiegħda titlob it-tnaqqis."*

**71.** Fis-Sentenza **Abela -vs- Said** aktar 'l isfel citata, fir-rigward ta' dan l-artiklu, dik il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*"Pero l-ligi tirrizerva l-jedd lill-legatarju li jhallas bi flus dak li jkollu jaghti lill-parti ntitolata tircievi. Minn qari ta' dan il-provvediment jidher li fil-kaz ta' riduzzjoni ta' legati, il-legislatur ried li jhalli d-diskrezzjoni f'idejn il-legatarji ta' x'ghandu jsir u ghalhekk din il-Qorti ma tikkunsidrax li ghandha timponi l-hlas ta' flus gialadarba l-ghazla thalliet f'idejn il-legatarju."*

**72.** Dak li fil-fatt ser taghmel din il-Qorti, izda jixraq li qabel isiru s-segwenti osservazzjonijiet.

**73.** Meta l-legat imholli *per se* jkun jilledi d-dritt tal-legittima ghax ikun jaqbez is-sehem li t-testatur seta' jiddisponi minnu, l-obbligu ghar-rettifikazzjoni tas-sitwazzjoni ma jistriehx fuq l-eredi, izda fuq il-legatarju inkwistjoni. Di fatti, l-ghazla li, mhux li jhallas il-legittima, izda li jhallas ammont sabiex tkun rettifikata s-sitwazzjoni, tivvinkola lill-legatarju u mhux lill-eredi. Din hija regola li tista' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola l-ohra generali li fil-kaz ta' hlasijiet ta' legati, djun tal-eredita' u anke tal-leggittima jithallsu mill-eredi, sakemm legat fih innifsu ma jaqbizx is-sehem li seta' jiddisponi minnu t-testatur, bil-konsegwenza li jilledi d-drittijiet tal-

legittimatarju. Dan qed jinghad minkejja li bhala regola, bis-sahha ta' artiklu 939 tal-Kodici Civili, huma l-werrieta bejniethom li jridu jhallsu d-djun tal-wirt f'dik il-porzjoni u b'dak il-mod li jkun ordna t-testatur.

**74.** Il-Qorti tosserva li artiklu 653 tal-Kodici Ciivli jilqa' ghas-sitwazzjonijiet fejn:

**(a)** parti mill-legat tkun tista' tigi segregata sabiex taghmel tajjeb ghat-tnaqqis u ghalhekk tkun tista' tigi sodisfatta l-legittima jew

**(b)** kemmi-il darba dan ma jikunx jista jsir, il-legatarju jista' jaghzel li jhallas bi flus dak li jkun imissu jaghti lill-parti li tkun qed titlob it-tnaqqis.

**75.** Dan ifisser, li l-ligi tibqa' siekta dwar x'jigri, jekk ma tkunx tista' issir is-segregazzjoni u lanqas ma jsir il-hlas, u dan fid-dawl li fl-ahhar eventwalita`, li l-Qorti ma tistax tikkundanna lill-istess legatarju jghaddi ghall-hlas, galadarba kif jghid dan l-artiklu u anke kif pronunzjat minn dawn il-Qrati (ara **Said -vs- Abela hawn taht citata**), il-hlas huwa imholli fid-diskrezzjoni tal-legatarju. Ghalhekk jidher li l-legislatur ried li jhalli fid-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti li tipprovdi ghal din l-eventwalita' bl-aktar mod ekwu u gust, skont ic-cirkostanzi li jkollha quddiemha.

**76.** Izda jekk il-Konvenuta legatarja taghzel li thallas bi flus l-ekwivalenti ghas-sehem li l-Atturi legittimarji ghandhom mill-proprjetá li thalliet lilha b'legat, gie stabbilit li ghandu jitqies dak il-valur ta' din il-proprjetá li hu l-aktar vicin tas-sentenza u mhux il-valur tal-istess fil-gurnata tal-mewt tat-testatur. Isegwi li

dan is-sehem li tkun trid thallas il-Konvenuta, ghandu jitqies fuq valur ta' mitejn u ghoxrin elf Lira Malta (LM220,000) ekwivalenti ghal €512,600 li huwa l-valur fis-suq moghti mill-Perit fid-data li huwa ssottometta r-rapport, u cioe` 6 ta' Mejju 2008 (ara rapport peritali a' fol 572). Dan gie stabbilit f'diversi sentenzi kwotati mill-**Qorti tal-Appell fis-sentenza L-Avukat Chris Said noe vs Mary Abela pro et noe tat-28 ta' Mejju 2010** fejn intqal:

"*Din il-Qorti diga' kellha l-opportunita` li tittratta fid-dettall kwistjoni simili fil-kawza fl-ismijiet* ***Joseph Portelli proprio et nomine et vs Rita Portelli*** *(Cit. nru:- 70/1993) f'provvediment li tat fis-26 ta' Settembru 2007, u ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandha tiddipartixxi mill-konsiderazzjonijiet legali li ghamlet u l-konkluzjoni li waslet ghaliha u anzi qeghda taddottahom fl-intjier. Fl-imsemmi digriet il-Qorti kkonfermat li fil-kaz fejn it-testatur ikun qabez is-sehem li seta' jiddisponi minnu, "Fir-rigward ta' dik il-proprjeta` li tkun regghet iddahhlet fil-patrimonju tat-testatur b'rizultat ta' dan l-ezercizzju ta' riduzzjoni, ghal finijiet ta' valutazzjoni din ukoll ghandha ssir b'riferenza ghaz-zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gudizzjali in kwantu kif rajna jista' jaghti l-kaz li l-Qorti tordna li l-hlas isir fi flus u mhux f'beni".*

*… …*

*F'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru 2007 fil-kawza* ***Frank Caruana et vs Vincent Caruana et****, il-Qorti ghamlet riferenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***Concetta Vella et vs Giuseppe Bugeja et*** *deciza fl-10 ta' Dicembru 1973 u li wkoll kien tittratta l-kaz ta' talba ghall-hlas tas-sehem rizervat; "li qieghda tghid din s-sentenza hu illi, sabiex tara jekk it-testatur*

*iddisponiex minn aktar mis-sehem li seta' jiddisponi minnha, trid tqis il-valuri taz-zmien meta nfetah il-wirt; jekk izda ssib illi t-testatur tassew iddispona minn aktar mis-sehem disponibbli**, min ikollu jedd ghal sehem rizervat ikollu dak is-sehem fuq il-beni kollha tal-wirt, u dak is-sehem, naturalment, ikun jiswa aktar jew anqas skond kemm, bejn iz-zmien tal-ftuh tal-wirt u z-zmien tal-hlas tas-sehem rizervat, jikber jew jickien il-valur ta' l-assi tal-wirt.** Ghalhekk, meta jigu biex jinqasmu l-assi, dan isir skond il-valur taz-zmien tal-qasma". F'dik il-kawza peress li ma kienx hemm lezjoni ta' legittima u kien hemm bizzejjed gid minn fejn tithallas is-sehem rizervat, il-kalkoli saru fuq il-valur tal-fond fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni. Il-valur li jrid jithallas fi flus, dejjem jekk il-konvenuti jaghzlu dik it-triq skond ma jiddisponi l-Artikolu 653(2) tal-Kodici Civili (Kap. 16), ghandu jkun jirrifletti l-valur tal-proprjeta` li fiha l-legittimarju ghandu dritt ghal sehem in kwantu kif rajna l-legittima hija porzjoni tal-beni tad-decujus rizervata mil-ligi favur id-dixxendenti ... (omissis )... . Din il-Qorti fuq dan il-punt terga' tagħmel riferenza għal sentenza* **Emilia Maria Mifsud et v. Eleonora Mizzi et***, l-istess sentenza imsemmija mill-appellanti. Kif diga gie spjegat, il-Qorti tal-Appell f'din is-sentenza kienet irriteniet li meta jkun qed isir l-eżercizzju preliminari li permezz tiegħu jigi rikostruwit l-patrimonju tad-decujus, il-valuri li jridu jittieħdu in konsiderazzjoni huma dawk tal-assi tad-decujus fil-mument tal-apertura tas-successjoni. Il-Qorti tal-Appell f'dik is-sentenza ma waqfitx hemm iżda kompliet tgħid hekk:*

*"Dan il-principju jeżawrixxi ruħu fil-fissazzjoni tal-kriterju li għandu jigi segwit għall-kalkolu tal-valur tal-assi u tal-kwota tal-legittima; iżda jekk il-legittima ma gietx sodisfatta, u trattandosi ta' beni in natura (mhux flus) ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-ligi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-legittimarju għandu bħala oggett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni, cioe` iż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja gudizzjali u tenut kont għalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja". (sottolinejar tal-Qorti)*

*Dan il-paragrafu (li l-appellanti għogobhom ma jikkwotawhx presumibbilment għaliex imur kontra dak li qegħdin jippretendu huma) jikkonferma l-pożizzjoni li ħadet l-ewwel Qorti: u cioe` li jekk jirriżulta li l-legittima ma tistax tigi sodisfatta u allura tikkonverti ruħha fi dritt ta' kreditu fi flus, il-valuri li jridu jittieħdu sabiex tinħadem il-legittima għandhom ikunu dawk l-iktar vicin tas-sentenza.*

*Dan il-principju gie ripetut f'kawżi iktar ricenti bħal* ***Mary Anne Zammit et v. Antonia Ellul et****, deciża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar 2005 u* ***Salvatore Cutajar et nomine v. Maria Dolores Cutajar et nomine****, deciża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Gunju 2009."*

**77.** Ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi biex tiddeciedi din il-kawza fuq l-osservazzjonijiet fuq maghmula u kif ukoll fuq skorta tat-taghlim gurisprudenzjali fuq imsemmi.

**78.** Kwantu jirrigwarda lill-Konvenuta Liliana Rossitto din ser tkun qeghdha tigi illiberata mill-osservanza u dan peress mhux biss ghaliex il-litigju sostanzjali tal-kawza kien jirrigwarda lill-partijiet l-ohra fil-kawza izda ghaliex ukoll l-anqas ma jirrisulta li hi giet immessa fil-pussess tal-legat ta' valur zghir imholli lilha mit-testatur.

**Decide**

Ghaldaqstant u ghar-ragunijet fuq imsemmija, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. **Tilqa'** l-ewwel talba fis-sens kif ser jinghad u cioe` li l-assi ereditarji tal-mejjet Victor Bonavia jikkonsistu fl-ammont ta' €10,488.17 kif fuq inghad u kif ukoll il-Villa Minerva, Juno Heights, Tas-Silg, Marsaxlokk bil-valuri moghtija fir-rapport tal-Perit Joseph Ellul Vincenti, soggett dan il-valur pero` ghal dak li ser jinghad aktar 'l isfel.

2. **Tilqa'** t-tieni talba kif gej:

   i. tillikwida l-legittima spettanti lill-Atturi ahwa Bonavia, kwantu ghal dak li jikkonsisti fi flus likwidi, fis-somma ta' €1748.02 kull wiehed bl-imghaxijiet legali ta' tmienja fil-mija (8%), dekorribli mill-11 ta' Ottubru 1997. Kwantu ghal dak li jirrigwarda l-immobbli ghal sehem ta' wiehed minn kull sitt parti ($^{1}/_{6}$) kull wiehed mill-Villa Minerva, Juno Heights, Tas-Silg, Marsaxlokk, soggetta din il-parti li tirrigwarda l-legat tal-Villa in kwistjoni, ghal dak li ser jinghad aktar 'l isfel.

ii. tiddikjara, li bil-legat imholli lill-Konvenuta Vivienne Bonavia, Victor Bonavia ecceda dik il-parti li seta' jiddisponi minnha u tordna li l-legat mholli lilha jigi mnaqqas pro rata skont kif jipprovdu l-artikoli 647, 648 u 651 tal-Kodici Civili.

iii. konsegwentement tiddikjara u tordna li l-Villa Minerva, Juno Heights, Tas-Silg, Marsaxlokk mhollija b'legat favur il-Konvenuta, sehem l-istess Vivienne Bonavia jitnaqqas ghal sehem ta' zewg terzi ($^{2}/_{3}$), fil-waqt li tiddikjara li l-Atturi ghandhom kull wiehed parti wahda minn sitta ($^{1}/_{6}$) tal-imsemmija proprjetá li thalliet b'legat lill-Konvenuta Vivienne Bonavia u dan soggett ghal dak li ser jinghad hawn. A` skans ta' kull ekwivoku dan is-sehem fi proprjeta` tal-Atturi jibqa' biss jekk ma jsirx il-hlas mill-Konvenuta Bonavia lill-istess Atturi kif ser jinghad aktar 'l isfel.

iv. Kif spjegat aktar 'l isfel, din il-parti tas-Sentenza, li tirrigwarda l-legat in kwistjoni, hija soggetta ghad-dritt tal-Konvenuta Vivienne Bonavia, li ai termini tal-artiklu 653(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta thallas minflok fi flus lil kull wiehed mill-Atturi, parti minn sitta ($^{1}/_{6}$) tal-valur tal-Villa Minerva, Juno Heights, Tas-Silg, Marsaxlokk liema valur tal-imsemmija Villa fit-totalita` taghha, huwa dak stabbilit mill-perit tekniku fil-jum li huwa ssottometta r-rapport, u cioe' fis-6 ta' Mejju 2008, fl-ammont ta' mitejn u ghoxrin elf Lira Maltija (LM220,000) ekwivalenti ghal €512,600, flimkien mal-imghax legali ta' 8% fuq l-

imsemmi sehem ta’ sest indiviz ($^1/_6$) tal-imsemmi valur lil kull wiehed mill-Atturi, dekorribli mid-data ta’ din is-sentenza sal-jum tal-hlas effettiv.

3. **Tilqa’** l-ewwel parti tat-tielet talba pero’ bil-mod segwenti u dan billi, qed tordna lill-Konvenuti Kuraturi Deputati Dr. Mark Busuttil u P.L. Mario Mifsud Bonnici li gew nominati sabiex jirraprezentaw l-eredita` gjacenti ta’ Victor Bonavia u unikament fil-kwalita` imsemmija, jassenjaw u jhallsu lill-Atturi l-legittima dovuta lilhom, kwantu ghal dak li jirrigwarda flus likwidi, l-ammont €1748.02 bl-imghaxijiet kif fuq imsemmija. Dan l-ammont ghandu jithallas lil kull wiehed u wahda mill-Atturi.

Sa fejn jirrigwarda lill-Konvenuta Vivienne Bonavia tipprovdi s-segwenti: Jekk din tiddeciedi li tipprevalixxi ruhha mill-beneficcju li jaghtiha l-artiklu 653(2) tal-Kap 16 tal-Kodici qua legatarja ta’ Villa Minerva, Juno Hieghts , Marsaxlokk, hi tkun trid thallas fi flus, lil kull wiehed u wahda mill-Atturi, parti wahda minn sitta ($^1/_6$) tal-valur tal-imsemmija Villa u cioe` l-ammont ta’ €85,433.33 lil kull wiehed u wahda bl-imghax kif fuq inghad.

Ghal dan il-ghan u dejjem ghar-rigward tal-Konvenuta Vivienne Bonavia biss, il-Qorti qeghdha tipprefiggilha perjodu ta’ erbgha (4) xhur mil-lum, biex tiddeciedi jekk tridx tipprevalixxi ruhha mill-ghazla, ossia opzjoni, li taghtiha l-ligi taht artiklu 653(2) tal-Kodici Civili u dan ai fini tal-pagament fuq imsemmi lill-Atturi kif fuq spjegat.

Fin-nuqqas ta' dan il-pagament fiz-zmien imsemmi, il-Qorti ser tkun qed tipprovdi fl-akkoljiment tar-raba' Attrici bil-mod hawn taht spjegat:

**Tichad** dik il-parti tat-tielet talba ghal dak li ghandha x'taqsam mal-likwidazzjoni ta' generazzjoni ta' kull frott kemm civili u kif mod iehor, u dan ghaliex sa fejn jirrigwarda imghaxijiet fuq flejjes dawn diga` ittiehdu in konsiderazzjoni fit-talbiet precedenti fil-komputazzjoni tal-flus likwidi fuq imsemmija u kif ukoll ghaliex ma ngabet ebda prova li l-uniku immobbli iggenera xi xorta ta' frott civili jew naturali.

4. **Tilqa' ir-raba' talba** fis-sens li fl-eventwalita' li l-Konvenuta Bonavia ma taghmilx il-pagament lill-Atturi fiz-zmien lilha moghti, il-Qorti qeghdha minn issa tinnomina lin-Nutar Alexia Sceberras Trigona sabiex tippubblika l-att notarili opportun sabiex sest ($^1/_6$) indiviz mill-Villa fuq imsemmija jigi trasferit mill-Konvenuta Bonavia lil kull wiehed u wahda mill-Atturi b'mod li bejniethom ikollhom it-terz ($^1/_3$) indiviz fi proprjeta` tal-imsemmija Villa. Ghal dan il-ghan il-Qorti qeghdha tinnomina lill-Avukat Dr. Alfred Abela bhala kuratur sabiex jidher ghan-nom tal-Konvenuta Bonavia, fl-eventwalita` li din tibqa' ma tidhirx ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt fil-hin, lok u jum li ser tistabilixxi din il-Qorti. Il-Qorti qeghdha ghalhekk tiffissa bhala jum, lok u hin, ai fini ta' pubblikazzjoni tal-kuntratt notarili inkwistjoni, d-disgha (9) ta' April 2019 fil-11.00 am fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta, fit-tieni sular hdejn il-Kamra tal-Avukati.

Kwantu ghall-konvenuta Rossitto, din qeghdha tkun illiberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Tordna li l-**ispejjez** kollha tal-kawza inkluzi dawk tal-Kuraturi Deputati ghandhom jithallsu mill-Konvenuta Vivienne Bonavia salv ghal dawk tal-Konvenuta Rossitto li baqghet kontumaci, liema spejjes ghandhom jithallsu minnha jekk ikun il-kaz. Jekk ikun hemm il-htiega tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt, spejjes kemm notarili u anke dawk tal-kuratur ikunu a` karigu tal-Konvenuta Bonavia. Fl-eventwalita' li dawn jithallsu mill-Atturi biex isir il-kuntratt, dawn ikunu jistghu jigu reklamati minghand il-Konvenuta Bonavia.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**